# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 3 ta' Marzu, 2025.**

**Numru 5**

**Rikors numru 117/2021/1 FDP**

**Josephine Bonello, Pauline Fenech, Malcolm Fenech, Ann Marie Fenech, Violet Attard, Francis Fenech, Raymond Fenech, u Victor Bonello li qed jidher f'ismu proprju u bħala mandatarju tal-imsiefer Carmelo Bonello**

**v.**

**Avukat tal-Istat u Pauline Tonna u Joseph Fenech għal kull interess li jista' jkollu**

1. Din hi sentenza dwar l-appell tal-Avukat tal-Istat minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Novembru 2023, li ddikjarat li l-kirja ta' fond fiż-Żejtun mikri lill-intimata Tonna, kif protetta bl-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini ["Kap. 69"] tikser id-dritt

fundamentali tar-rikorrenti mħares bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [“il-Konvenzjoni”] u ordnat lill-Avukat tal-Istat iħallashom kumpens ta’ €59,189 bħala danni pekunjarji u non-pekunjarji.

2. Il-kwistjoni fl-appell hija dwar il-kumpens non-pekunjarju u l-ispejjeż ġudizzjarji.

**Preliminari**

3. Il-fatti li wasslu għall-kawża tal-lum ġew imfissra hekk mill-Ewwel Qorti:

> *“19. Jirriżulta li r-rikorrenti huma lkoll sidien tal-appartament bin-numru wieħed ġewwa blokk ta’ appartamenti fi Triq Ross, San Ġiljan bl-isem ta’ Lady Flats, li huma lkoll wirtu mingħand Antonia Bonello, li kienet tiġi omm Josephine Bonello w n-nanna tar-rikorrenti l-oħra kif ukoll l-intimat Joseph Fenech, li r-rikorrenti qatt ma nnotifikaw, u li mietet fis-7 ta’ Awissu 1980.*
>
> *20. Jirriżulta illi madwar tnejn u ħamsin (52) sena ilu, ossija fil-bidu tas-snin sebgħin, Antonia Bonello kriet il-fond lill Pauline Tonna u żewġha, liema fond kien mikri, u għadu mikri, bħala l-fond tar-residenza tagħhom, u għadu mikri hemm sa llum il-ġurnata, u ma’ Pauline Tonna jgħix ukoll binha Brian Tonna.*
>
> *21. Jirriżulta illi r-rikorrenti [recte: intimata] għandha fond ieħor ftit il-bogħod minn fejn hija r-residenza tagħha llum, ossija l-fond tar-rikorrenti, illi hija wirtet mingħand missierha, fejn hija nnegozjat tali fond ma’ terzi u fuqu bnew kumpless ta’ bini filwaqt illi hija żammet maisonette, liema bini, iżda, għadu mhux komplut.*
>
> *22. Jirriżulta illi r-rikorrenti jikkontendu illi huma jipperċepixxu kirja ta’ €200 fis-sena li hija waħda irriżorja filwaqt illi jisħqu li skond l-Kap 69, ma jistgħux jirrifjutaw illi jġeddu l-kirja jew jgħollu l-kera, filwaqt illi saħqu li permezz ta’ ittra datata 20 ta’ Settembru 2019, huma għarrfu lill-*

*intimata li jridu jinnegozjaw prezz differenti sabiex imbagħad tmur ġewwa l-fond tagħha viċin, iżda l-intimata ma qablitx."*

4. Dan wassal lir-rikorrenti biex fit-3 ta' Marzu 2021 jippreżentaw dawn il-proċeduri fejn jgħidu li ġarrbu ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif protetti bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, kemm qabel kif ukoll wara d-dħul fis-seħħ tal-Att X tal-2009, għaliex il-fond in kwistjoni qatt ma seta' jinkera b'kera li tirrifletti l-valur lokatizzju fis-suq ħieles u dan minħabba l-protezzjoni li d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69 taw u għadhom qegħdin jagħtu lill-intimata Tonna, b'mod li ma nżamm l-ebda bilanċ bejn id-drittijiet tas-sidien u l-għan pubbliku.

5. Talbu għalhekk lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) sabiex:

*"(i) tiddikjara u tiddeċiedi li l-artikoli 3, 4, 5 u 9 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini (Ordinanza XXI tal-1931, illum Kap. 69), u/jew l-applikazzjoni tagħhom għall-kirja msemmija tal-fond formanti parti mill-blokk mingħajr numru uffiċjali, jismu 'Lady Flats', fi Triq Ross, San Ġiljan, jilledu d-drittijiet fundamentali tal-esponenti kif fuq ingħad u senjatament dawk protetti bl-artikoli 37, 39 u 45 tal-Kostituzzjoni u bl-artikoli 6, 13 u 14 u bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali;*

*(ii) konsegwentement u għar-raġunijiet premessi, tiddikjara l-imsemmija artikoli 3, 4, 5 u 9 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini (Kap. 69) nulli u mingħajr effett legali, u/jew tiddikjara illi l-istess artikoli 3, 4, 5 u 9 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini (Kap. 69) mhumiex applikabbli għal din il-kirja;*

*(iii) tagħmel dawk id-dikjarazzjonijiet, tagħti dawk l-ordnijiet, ir-rimedji u l-provvedimenti kollha meħtieġa biex tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali fuq imsemmija tal-esponenti, inkluż billi (i) tiddikjara li l-esponenti mhumiex obbligati jġeddu l-kirja ta' dan il-fond, formanti parti mill-blokk mingħajr numru uffiċjali, jismu 'Lady Flats', fi Triq Ross, San*

*Ġiljan f'San Ġiljan, favur l-intimata Tonna; u (ii) tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, iħallsu kumpens xieraq għall-vjolazzjoni tad-drittijiet imsemmija tal-esponenti, u għall-okkupazzjoni tal-fond imsemmi bi vjolazzjoni tad-drittijiet tal-esponenti.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati li jibqgħu nġunti minn issa għas-subizzjoni."*

6. Permezz ta' risposta preżentata fit-13 ta' April 2021[1] l-Avukat tal-Istat *inter alia* wieġeb illi r-rikorrenti jridu jġibu prova sodisfaċenti li l-kirja hija effettivament waħda regolata bil-Kap. 69. Fil-mertu mbagħad ċaħad l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti fil-fatt u fid-dritt.

7. L-inkwilina Tonna da parti tagħha wieġbet fil-21 ta' Mejju 2021[2] fejn, filwaqt li ċaħdet il-pretensjonijiet tar-rikorrenti, sostniet li ma għandha tagħti l-ebda kumpens u/jew danni u/jew tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-kawża.

8. Fl-1 ta' Novembru 2021 l-Avukat tal-Istat ippreżenta risposta ulterjuri fid-dawl tal-emendi ntrodotti bis-saħħa tal-Att XXIV tal-2021[3].

9. B'sentenza mogħtija fis-16 ta' Novembru 2023 [is-sentenza appellata] l-Ewwel Qorti ddeċidiet billi:

*"**Tiċħad** it-talba tar-rikorrenti, fejn din tirrigwarda Joseph Fenech.*

***Tilqa'** l-ħames u sitt eċċezzjoni ta' l-intimata Pauline Tonna filwaqt illi:*

***Tiċħad** il-kumplament tal-eċċezzjonijiet ta' l-intimata Pauline Tonna.*

---

[1] Fol. 9 et seq.
[2] Fol. 16 et seq.
[3] Fol. 26 - 27

***Tilqa'*** *l-eċċezzjonijiet ta' l-Avukat tal-Istat fejn jikkonċernaw leżjoni tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikoli 6, 13 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*

***Tiċħad*** *l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-Avukat tal-Istat fejn jirrigwardaw il-leżjoni ta' l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif fuq aħjar deskritt.*

***Tilqa'*** *l-Ewwel Talba kif mitluba limitatament billi:*

***Tiddikjara*** *illi fil-konfront tar-rikorrenti, l-operazzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta u bl-operazzjonijiet tal-Liġijiet viġenti qegħdin jagħtu dritt ta' rilokazzjoni lill-intimata Pauline Tonna tal-fond ...... jivvjolaw id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-Artikolu 1 tal-Protokol nru. 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja,* ***<u>iżda mhux</u>*** *l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikoli 6, 13 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;*

***Tiċħad*** *it-tieni talba tar-rikorrenti.*

***Tilqa'*** *t-tielet talba limitatament kif ġej u dana billi:*

***Tiċħad*** *it-talba, fejn, fl-ewwel parti, intalbet dikjarazzjoni li r-rikorrenti ma humiex obbligati jġeddu l-kirja tal-fond filwaqt illi* ***tilqa'*** *t-talba fejn, fit-tieni talba, intalab kumpens, u għalhekk:*

***Tiddikjara*** *illi l-Avukat tal-Istat huwa responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrent minħabba t-telf ta` kontroll, użu u t-tgawdija tal-proprjetà de quo, u l-kumpens dovut lilu, u*

***Tillikwida*** *l-kumpens li għandha titħallas lir-rikorrenti fis-somma ta'* ***<u>disgħa u ħamsin elf, mija u disgħa u tmenin Euro (€59,189),</u>*** *u għalhekk:*

***Tordna*** *lill-Avukat tal-Istat iħallas is-somma ta'* ***<u>disgħa u ħamsin elf, mija u disgħa u tmenin Euro (€59,189)</u>*** *kif hekk likwidata, li għandu jiġi lilhom mħallas skond is-sehem illi huma għandhom tal-propjeta'.*

**Dwar spejjeż**, *l-Avukat tal-Istat għandu jerfa' l-ispejjeż tar-rikorrenti filwaqt illi l-intimata Pauline Tonna għandhom ibagħtu l-ispejjeż tagħhom huma.*

***Imgħax*** *mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv."*

**<u>L-Appell</u>**

10. L-Avukat tal-Istat appella b'rikors ippreżentat fil-5 ta' Diċembru 2023 fejn sostanzjalment ilmenta illi huwa:

> *"ma jaqbilx ma' dawk il-partijiet tas-sentenza fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti (i) ikkundannat lill-Avukat tal-Istat sabiex iħallas kumpens lill-appellati f' total ta' disgħa u ħamsin elf, mija u disgħa u tmenin Euro (59,189), iżda biss f'dak li jirrigwarda l-ordni li **d-<u>danni non-pekunjarji</u>** formanti parti minn din is-somma għandhom ikunu fl-ammont ta' sbatax-il elf Ewro (€17,000) u (ii) ikkundannat lill-Avukat tal-Istat sabiex jerfa' l-**<u>ispejjeż ġudizzjarji kollha</u>** tar-rikorrenti."*

11. Talab għalhekk lil din il-Qorti <u>tirriforma</u> s-sentenza appellata billi:

> *"i. tħassarha, tirrevokaha u tannullaha f' dik il-parti fejn ikkundannat lill-Avukat tal-Istat iħallas kumpens fis-somma ta' disgħa u ħamsin elf, mija u disgħa u tmenin Euro (€59,189), sa fejn dan jinvolvi ħlas ta' kumpens non-pekunjarju ta' sbatax-il elf Ewro (€17,000), skont dak premess, u minflok tordna li l-ammont ta' kumpens non-pekunjarju jitnaqqas konsiderevolment skont dak premess, bil-konsegwenza li l-ammont ta' kumpens totali jitnqqas; u /jew*
>
> *ii. tħassarha, tirrevokaha u tannullaha f' dik il-parti fejn ikkundannat lill-Avukat tal-Istat ibagħti l-ispejjeż ġudizzjarji kollha tar-rikorrenti appellati u minflok tordna li dawn jitqassmu skont dak premess;*
>
> *iii. fil-waqt li tikkonferma l-bqija tas-sentenza;*
>
> *iv. bl-ispejjeż taż-żewġ proċeduri jintrefgħu mir-rikorrenti appellati."*

12. Permezz ta' risposta ppreżentata fil-15 ta' Jannar 2024 ir-rikorrenti wieġbu illi l-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

13. Fl-udjenza tal-21 ta' Ottubru 2024 dehru l-Avukati tal-partijiet li ddikjaraw li m'għandhomx xi jżidu mal-atti tal-appell u għalhekk l-appell tħalla għas-sentenza.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

14. L-ilmenti fl-appell huma limitati għall-kumpens non-pekunjarju akkordat mill-Ewwel Qorti (€17,000) u għall-kap tal-ispejjeż.

***L-Ewwel Aggravju – Id-Danni non-pekunjarji***

15. Fir-rigward tad-danni non-pekunjarji l-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti kienu s-segwenti:

> *"85. Dwar id-danni non-pekunjarji, din il-Qorti tagħmel referenza għall-każ Henry Deguara Caruana Gatto vs L-Avukat tal-Istat et, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Novembru 2020, fejn il-Qorti qieset li d-danni pekunarji kellhom ikunu fl-ammont ta' €300,000 u rigward id-danni non-pekunarji ta' € 9,000 kif likwidata mill-ewwel Qorti, li tissarraf fl-ammont ta' € 500 għal kull sena li l-appellant sofra ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, hija ikkunsidrata illi ssegwi l-prassi tal-Qrati Maltin u l-Qorti Ewropea fuq dan il-punt.*
>
> *86. Jirriżulta wkoll illi ma hemm ebda raġuni għaliex dina l-Qorti għandha tittempra l-valur stabbilit mill-ġurisprudenza fuq ġia stabbilita, u għalhekk il-kumpens non-pekunjarju għandu jkun ta' €500 għal kull sena ta' ksur kif fuq aħjar deskritt."*

16. L-Avukat tal-Istat jilmenta illi ma hemm ebda regola fissa li tistabbilixxi li l-kumpens pekunarju għandu jiġi kkalkolat bir-rata ta' €500 għal kull sena li tkun damet għaddejja l-leżjoni. Jisħaq li l-ġurisprudenza

trid iżda li l-*quantum* tal-kumpens non-pekunarju jiġi stabbilt wara li jsir eżerċizzju suġġettiv li jiddependi mill-provi li jitressqu dwar it-tbatija morali allegatament sofferta mir-rikorrenti. Jilmenta li f'dan il-każ l-Ewwel Qorti ma għamlet ebda eżerċizzju simili u lanqas ma għamlet xi konsiderazzjoni dwar il-passività tar-rikorrenti iżda straħet biss fuq dak li skontha huwa kalkolu matematiku pre-stabbilit.

17. Da parti tagħhom ir-rikorrenti jsostnu li d-danni morali likwidati mill-Ewwel Qorti huma ġusti fiċ-ċirkostanzi. Dan partikolarment *in vista* tal-fatt illi:

(i) fl-2018 l-appellata inkwilina Pauline Tonna nnegozjat fond fl-istess triq li hija wirtet xi żmien qabel mingħand missierha biex ħadet somma flus filwaqt li żammet mezzanin residenzjali li kellu jinbena a spejjeż tal-kompratriċi[4]; u

(ii) ir-rikorrenti kellhom diversi mwiet traġiċi, ta' qraba li ġew nieqsa f'eta żgħira, fil-familja.

18. Fl-ewwel lok, hija ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti li <u>d-danni morali, a differenza ta' dawk patrimonjali, ma jintirtux</u>[5]. Għalhekk, biex

[4] Fol. 93

[5] Ara fost ħafna sentenzi oħrajn Marcus Scicluna Marshall et v. L-Avukat tal-Istat, deċiża minn din il-Qorti fit-18 ta' Novembru, 2024; Maria Stella sive Mary Pace v. L-Avukat tal-Istat et, deċiża minn din il-Qorti fit-18 ta' Novembru, 2024; Joseph Muscat Azzopardi et v. Avukat tal-Istat et, deċiża minn din il-Qorti fl-4 ta' Novembru, 2024; Mary Rose Agius v. Avukat tal-Istat

jiġu likwidati d-danni morali spettanti lir-rikorrenti varji, il-punt ta' tluq għandu dejjem ikun id-determinazzjoni tad-data/dati minn meta kull wieħed minnhom sar sid tas-sehem indiviż rispettiv.

19. F'dan il-każ jirriżulta illi:

- il-fond mertu tal-każ ġie mibni minn Nicola Bonello fuq porzjon ta' art li huwa akkwista matul iż-żwieġ tiegħu ma' Antonia nee Baldacchino in forza ta' kuntratt tal-11 ta' Awwissu 1948[6];

- Nicola Bonello miet fl-24 ta' Ġunju 1965 u ħalla b'legat l-użufrutt u t-tgawdija tal-mobbli u mmobbli kollha tiegħu lil martu Antonia filwaqt li ħalla l-eredità tiegħu lil uliedu kollha, *ossija* r-rikorrenti Josephine Bonello, Maria mart Carmelo Fenech u Ignazio Bonello, f'sehem indaqs bejniethom[7];

- L-imsemmija Maria Fenech mietet fl-20 ta' Diċembru 1966 intestata u wirtuha l-ħames uliedha, ossija Joseph, Carmelo u r-rikorrenti Raymond, Violet u Francis aħwa Fenech[8];

et, deċiża minn din il-Qorti fl- 4 ta' Novembru, 2024; L-Avukat Peter Borg Costanzi noe et v. Maria Carmela sive Marlene Bonnici et, deċiża minn din il-Qorti fis-26 ta' Ottubru, 2022

[6] Fol. 57 et seq.

[7] Fol. 68 et seq.

[8] Fol. 86

- Fil-bidu tas-snin sebgħin (70) Antonia Bonello kriet il-fond inkwistjoni lill-intimata inkwilina Tonna u lil żewġha[9];

- Ignazio Bonello miet fit-28 ta' Jannar 1980 u wirtuh skont il-liġi uliedu r-rikorrenti Carmelo u Victor aħwa Bonello[10];

- Antonia Bonello mietet fis-7 ta' Awwissu 1980 u l-wirt tagħha għadda fuq bintha Josephine Bonello f'sehem terz, terz ieħor lil ulied bintha Maria Fenech, u t-terz l-ieħor lil ulied binha Ignazio Bonello[11];

- Carmelo Fenech miet fit-30 ta' Jannar 1987 u b'testment *unica charta* li għamel flimkien ma' martu r-rikorrenti Paula Fenech nee Doneo ħalla l-użufrutt tal-assi ereditarji tiegħu kollha lil martu u nnomina bħala eredi tiegħu lil uliedu kollha, *ossija* Colin, u r-rikorrenti Malcolm u Anna Marie aħwa Fenech[12];

- Colin Fenech miet fid-19 ta' Frar 2000 u wirtuh skont il-liġi ommu Pauline Fenech u ħutu Ann-Marie u Malcolm, ilkoll rikorrenti, fi kwota ta' terz kull wieħed[13].

[9] Fol. 101 *overleaf*
[10] Fol. 86
[11] Fol. 57
[12] Fol. 86
[13] Fol. 86

20. Ifisser għalhekk li, bl-eċċezzjoni tar-rikorrenti Malcolm u Anne-Marie Fenech (*stante* li s-sehem indiviż tagħhom għadu suġġett għall-użufrutt ta' ommhom Paula Fenech), ir-rikorrenti kollha l-oħra akkwistaw il-jeddijiet rispettivi[14] fuq il-fond *de quo* qabel l-1 ta' Mejju 1987[15].

21. Dan ifisser li huma għandhom dritt għal kumpens morali minn dik id-data (1 ta' Mejju 1987) sad-*dies ad quem* (1 ta' Ġunju 2021), fuq sehem indiviż ta' $^{14}/_{15}$[16].

22. Kwantu għar-rata / *quantum* tal-kumpens, fil-kawża fl-ismijiet B. Tagliaferro & Sons Limited (C-817) v. L-Avukat tal-Istat et, deċiża fit-12 ta' Lulju 2023, din il-Qorti diġà esprimiet ruħha fis-sens illi:

> *"Dwar il-kumpens non-pekunarju, il-Qorti tibda billi tirrileva li huwa żbaljat l-argument tal-attriċi li fil-ġurisprudenza ġiet stabbilita xi regola fissa li l-kumpens non-pekunarju għandu jiġi kkalkolat fis-somma ta' €500 għal kull sena li tkun damet għaddejja l-leżjoni. Il-kumpens non-pekunarju jirrifletti t-tbatija morali li tkun ġiet sofferta mill-vittma minħabba l-leżjoni li tkun ġiet konstatata mill-Qorti, u għalhekk huwa neċessarjament kwistjoni suġġettiva li tiddependi fuq iċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ."*

23. Prinċipju li ġie mtenni fis-sentenza fl-ismijiet Rita Rizzo u Martha Rizzo v. L-Avukat tal-Istat et deċiża minn din il-Qorti fis-26 ta' Frar 2024[17].

---

[14] Josephine Bonello $^{1}/_{3}$, Raymond, Francis u Violet aħwa Fenech $^{1}/_{15}$ kull wieħed, Carmelo u Victor aħwa Bonello $^{1}/_{6}$ kull wieħed; u Paula Fenech l-użufrutt ta' $^{1}/_{15}$ (li minnhom għandha sehem $^{1}/_{135}$ in proprjetà

[15] Fol. 159 *overleaf*

[16] Sehem Joseph Fenech, li fl-1966 wiret $^{1}/_{15}$ mill-fond in kwistjoni, huwa eskluż billi huwa ma ppromwoviex din il-kawża tant li tħarrek bħala intimat għal kull interess li jista' jkollu.

[17] Rikors numru 622/2021/1 LM

24. B'hekk, l-Avukat tal-Istat għandu raġun jikkontendi li l-Ewwel Qorti ma kellha qatt tillikwida l-kumpens pekunarju a bażi ta' ċifra applikata minn din il-Qorti f'kawża oħra. L-eżerċizzju li jrid isir għandu jkun ibbażat fuq il-fatti partikolari u individwali ta' kull każ u b'mod proporzjonat mat-tbatija li r-rikorrenti effettivament batew minħabba l-ksur ravviżat.

25. F'dan il-każ, għalkemm huwa minnu li r-rikorrenti sofrew it-telf bikri ta' diversi membri familjari, m'hemmx prova li xi ħadd minnhom sofra tbatija partikolari direttament marbuta mal-ksur. Eventwalità improbabbli ukoll meta tqis illi:

i. individwalment, ħafna mir-rikorrenti jiddetjenu biss frazzjoni żgħira mill-fond in kwistjoni; u

ii. li kien biss lejn l-aħħar tas-sena 2019 li huma nterpellaw lill-intimata inkwilina biex jiftehmu dwar kera xierqa[18].

26. Kwantu għall-fatt li xi żmien qabel l-2018 l-inkwilina Tonna wirtet fond residenzjali ieħor fl-istess triq[19], din *se mai* hija kwistjoni li dwarha seta' jsir ilment quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera (*inter alia* a tenur tal-art.9(b) tal-Kap. 69). Pass li ma jirriżultax li r-rikorrenti ħadu, la dak iż-

[18] Fol. 4
[19] Fol. 93

żmien u lanqas wara l-emendi ntrodotti bl-Att XXIV tal-2021. F'kull każ, dan il-fatt jolqot biss il-fażi aħħarija tal-leżjoni ravviżata mill-Ewwel Qorti.

27. Għalhekk, il-Qorti hija tal-fehma li l-kumpens non-pekunarju likwidat mill-Ewwel Qorti, fis-somma ta' €17,000 maħdum bir-rata ta' €500 għal kull sena bejn l-1987 sal-2021, huwa deċiżament wieħed eċċessiv.

28. A bażi tal-kriterji u ċirkostanzi 'l fuq imfissra, il-Qorti tqis li jkun biżżejjed li ir-rikorrenti jitħallsu d-danni morali segwenti:

- ir-rikorrenti Josephine Bonello €2,400;

- ir-rikorrenti Carmelo u Victor aħwa Bonello €1,200 kull wieħed;

- ir-rikorrenti Raymond, Francis u Violet aħwa Fenech u r-rikorrenti Paula Fenech €500 kull wieħed.

29. B'hekk, *in linea* ta' danni morali, l-Avukat tal-Istat għandu jħallas lir-rikorrenti is-somma komplessiva ta' <u>tlett elef u disa' mitt ewro</u> (€6,800).

***It-Tieni Aggravju – L-Ispejjeż Ġudizzjarji***

30. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu l-Avukat tal-Istat jilmenta li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tordna li huwa għandu jħallas l-ispejjeż ġudizzjarji kollha tar-rikorrenti u dan peress li l-Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrenti għal sejbien ta' ksur tal-artikolu 6, 13 u 14 tal-Konvenzjoni. Dan *in linea* ma' dak deċiż minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet Cilia Scapellato vs Avukat tal-Istat et, mogħtija fl-1 ta' Diċembru, 2021.

31. Fis-sentenza li għaliha rrefera l-Avukat tal-Istat, huwa kien ukoll ilmenta li huwa ma kellux jiġi ssoġġettat iħallas l-ispejjeż kollha tal-Prim'Istanza. Dan għaliex f'dak il-każ saret periżja inutilment għas-snin bejn l-1962 u l-1987, u kif ukoll għaliex, safejn ir-rikorrenti allegaw ukoll ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, il-Qorti tal-ewwel grad ma sabitx ksur. F'dak il-każ din il-Qorti ddeċidiet illi:

> *"Ġialadarba hemm eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat illi qed jiġu milqugħa, il-Qorti tqis illi l-Avukat tal-Istat m'għandux iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża quddiem l-Ewwel Qorti. Għaldaqstant il-Qorti tqis illi l-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, inkluż dawk tal-konvenuta Sammut, għandhom jitħallsu in kwantu għal 25% mill-attriċi u in kwantu għal 75% mill-Avukat tal-Istat."*

32. F'dan il-każ ukoll, l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat li safejn jikkonċerna l-allegata leżjoni tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikoli 6, 13 u 14 tal-Konvenzjoni u ċaħdet l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tar-rikorrenti marbuta ma' dawk l-artikoli.

33. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi akkolt limitatament billi l-ispejjeż tal-Ewwel Istanza, sejrin jinqasmu, kwantu għal ¾ mill-Avukat tal-Istat u kwantu għall-¼ rimanenti mir-rikorrenti bejniethom.

**Deċiżjoni**

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell safejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u tvarja s-sentenza appellata fis-sens li:

i. Il-kumpens li għandu jitħallas mill-Avukat tal-Istat hu ta' tmienja u erbgħin elf, disa' mija u disgħa u tmenin ewro (€48,989), in kwantu għal tnejn u erbgħin elf, mija u disgħa u tmenin ewro (€42,189) danni pekunjarji u sitt elef u tmien mitt ewro (€6,800) danni morali.

ii. Spejjeż tal-ewwel stadju jinqasmu in kwantu għal ¾ a karigu tal-Avukat tal-Istat u ¼ a karigu tar-rikorrenti.

Spejjeż tal-appell a karigu tar-rikorrenti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb